MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TAL-INGUSTIZZJI MALTA

## ONOR. IMHALLEF FARRUGIA SACCO LINO

Seduta ta' 10 ta' Ottubru, 2002

Rikors Numru. 1164/1997/1

Joseph Abela
vs
Onorevoli Prim Ministru u c-Chairman Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u Kontrollur tad-Dwana

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1997 u l-15 ta' Mejju 1995, u b' mod aktar preciz fi jew ghall-habta tal-24 ta' Dicembru 1992 u wara huwa kien sofra ingustizzja f'li decizjoni favurieh tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ma gietx implimentata u inforzata u b'hekk ir-rikorrent ma hax la l-backdating tal-hatra u l-anqas hlas ta' arretrati.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej :

Illi fl-24 ta' Dicembru 1992 ir-rikorrent gie infurmat li l-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji kienet

iddecidiet li l-ilment tieghu numru 1737 kien gustifikat (Dok B) u cioe` li gie maqbuz fl-ghoti tal-promozzjonijiet minn Administrative Officer ghall-Assistant Head. Lista tas-seniority tar-rikorrent giet annessa u mmarkata Dok A.

Illi kienu saru diversi tentattivi (Dok C u D) biex l-istess decizjoni tigi implimentata pero` kien kollu ghal xejn. Sahansitra l-konsulent legali tar-rikorrent kiteb ittra (Dok E) lill-intimat Onorevoli Prim Ministru u r-risposta kienet ukoll fin-negattiv (Dok F);

Illi kien hemm diversi kawzi (Dok G) fejn impjegati li kellhom decizjoni favorevoli mill-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji nghataw il-hatra back-dated u hlas ta’ arretrati;

Illi ai termini ta’ l-artikolu 5 (3) (b) ta’ l-Att VIII ta’ l-1997 ir-rikorrent jissottometti kif wera hawn fuq li huwa ezawrixxa kull mezz possibbli ghall-ksib ta’ rimedju, li wara kollox huwa tant gustifikat.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.
Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi tigi inforzata d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji fil-konfront tar-rikorrent, u konsegwentement li huwa jinghata l-hatra ghal Assistant Head back-dated u li jithallas l-arretrati kollha dovuti lilu, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas lilu kumpens f’ammont ta’ hamest elef lira Maltin (LM5000) jew somma verjuri.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li eccepixxa:

1. Illi, kopja tar-Rapport tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji (Rapport Nru K 152), li jinkludi l-ilment tas-Sur Joseph Abela flimkien ma' dak ta' ohrajn, gie riferit lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku mill-Ufficcju tal-Prim Ministru f'April ta' l-1993.

2. Illi, b'ittra li ggib id-data tas-16 ta' April 1993, il-Management and Personnel Office ta' l-Ufficcju tal-Prim Ministru talab lil din il-Kummissjoni sabiex taghti l-opinjoni taghha rigward ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji qabel ma dan ir-rapport jghaddi ghal ghand il-Prim Ministru.

3. Illi, il-Kummissjoni dehrilha li m'ghandhiex tidhol fil-merti tal-kaz qabel ma ssirilha rakkomandazzjoni formali mill-Ufficcju tal-Prim Ministru u l-Kummissjoni nfurmat lill-Management and Personnel Office f'dan is-sens.

4. Illi, l-Kummissjoni ma rceviet l-ebda korrispondenza ohra fuq is-suggett.

5. Illi l-punti u l-ilmenti l-ohra maghmula mir-rikorrent m'ghandhom ebda relazzjoni ma' l-operat tal-Kummissjoni u din ma taf xejn dwarhom.

Ra r-risposta tal-Prim Ministru u l-Kontrollur tad-Dwana li eccepew:

Illi preliminarjament il-konsiderazzjoni ta' l-ilment tar-rikorrent taqa' barra l-kompetenza ta' dan it-Tribunal ratione materiae fit-termini ta' l-Artikolu 6(2) ta' l-Att VIII ta' l-1997 stante illi dwar l-ilment tar-rikorrent diga` saret investigazzjoni mill-Kummissjoni imwaqqfa taht l-Att dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dwar l-allegati fatti fir-rikors huma ghandhom is-segwenti xi jghidu:

Illi r-rikorrent kien wiehed minn numru ta' ex-Ufficcjali tad-Dwana li kienu ressqu ilment quddiem il-Kummissjoni

ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji dwar is-*seniority* taghhom fil-grad ta’ Administrative Officer wara li huma gew assimilati f’dan il-grad b’sehh mill-1 ta’ Frar 1974, permezz tal-ftehim tar-ri-organizzazzjoni ta’ 1974.

Illi huwa minnu li l-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji kienet iddecidiet li l-ilment taghhom kien gustifikat u rrakkomandat li fis-*seniority list,* dawn l-ufficcjali jitpoggew qabel numru ta’ ufficcjali ohra li kienu hadu l-hatra ghall-grad ta’ Administrative Officer wara l-1 ta’ Frar 1974.

Illi l-Kummissjoni ma kenitx iddecidiet illi r-rikorrent gie maqbuz fl-ghoti tal-promozzjoni minn Administrative Officer ghal Assistant Head, izda kienet qalet illi s-seniority list kellha tigi rrangata ghall-effetti kollha li tali postijiet fl-istess lista ghandu jkollhom fir-rigward ta’ eventwali promozzjonijiet jew jekk gew affettwati xi promozzjonijiet li ga saru.

Illi din ir-rakkommandazzjoni ma gietx implimentata ghaliex, anke kieku dan sar u l-applikanti, inkluz ir-rikorrent, kienu javvanzaw fis-seniority, huma xorta wahda ma kienux ikunu fost dawk l-ufficjali li hadu l-hatra ta’ Assistant Head fl-1987.

Illi r-rikorrent sar Assistant Head mal-grupp ta’ wara, jigifieri dak ta’ l-1990, li kien jinkludi lil ex-Ufficjali tad-Dwana kif ukoll dawk l-ufficcjali l-ohra li l-Kummissjoni kienet iddecidiet li kellhom jigu warajhom fis-*seniority list.*

Illi din ir-rakkomandazzjoni ma kenitx giet implimentata ghaliex din ma kienitx tinvolvi la *backdating* ta’ hatriet u l-anqas hlas ta’ arretrati, izda kienet tista’ tohloq tharbit u dizgwid fost l-Assistant Heads li kienu ghadhom fis-Servizz.

Ghaldaqstant l-intimati talbu lil dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi l-ewwel eccezzjoni ossija preliminari tal-Prim Ministru u tal-Kontrollur tad-Dwana huma fis-sens li l-konsiderazzjoni ta’ l-ilment tar-rikorrent taqa’ barra l-kompetenza ta’ dan it-Tribunal *ratione materiae* fit-termini ta’ l-Artikolu 6 (2) ta’ l-Att VIII tal-1997 stante li dwar l-ilment tar-rikorrent diga’ saret investigazzjoni mill-Kummissjoni mwaqqfa taht l-Att dwar l-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji. Illi din l-eccezzjoni gja gew decizi eccezzjonijiet identici fis-sens illi fil-fatt l-ilment tar-rikorrent huwa proprju li d-decizjoni tal-Kummissjoni ma gietx implimentata w ghalhekk l-ilment bhala tali huwa differenti mill-ilment li mar quddiem il-Kummissjoni.

Infatti hawnhekk it-Tribunal sejjer jikkwota mill-kawza fl-ismijiet John Debono kontra d-Direttur Generali MPO ta’ l-1 ta’ Dicembru 1998 fejn it-Tribunal qal:

“Ikkunsidra li l-ilment tal-intimat hu bazat fuq in-nuqqas tal-implimentazzjoni tad-decizzjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji liema fatt gara matul iz-zmien li jirreferi ghalih l-Att VIII. Ghalhekk l-esami ta’ l-ilment ma jmurx “ultra vires”. Ukoll il-ligi tirrikjedi li t-Tribunal ma jaccettax li jezercita s-setghat tieghu f’kull kaz fejn ikun gie investigat ilment. F’dan il-kaz l-ilment li d-decizzjoni tal-Kummissjoni ma gietx implimentata ma giex investigat izda kien l-ilment originali li kien gie investigat. Ghalhekk jichad din l-eccezzjoni.”]

Ara wkoll decizzjonijiet tat-Tribunal f’dan is-sens fl-ismijiet Joseph Masini vs Direttur tal-Ezamijiet tal-t-18 ta’ Novembru, 1999 u Philip Abdilla vs Prim Ministru et tat-23 ta’ Novembru, 1999.

Ghalhekk, it-Tribunal issa sejjer jghaddi biex jezamina il-mertu tal-kaz.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit tieghu li jinsab a fol 21 u 22 tal-process li bazikament jispjega fih ir-rikors.

Giet esebita kopja tad-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji illi fil-parti finali taghha tirrigwardja d-decizjoni u r-rimedju u infatti jinghad testwalment dan il-kliem:

"Il-Kummissjoni hija konvinta illi saret ingustizzja cara fil-konfront tar-rikorrenti meta huma gew imqeghda fil-lista ta' anzjanita' wara ufficcjali illi "l-Appointment to Present Post" kien sussegwenti ghal taghhom u ghalhekk il-lista kif tidher tar-rikorrenti tibda minn Joseph Scicluna sa Herbert Agius u minn Joseph Aquilina sa Vincent Farrugia ghandhom jigu immedjatament wara Emanuel S Caruana illi kellu l-ewwel appointment mal-Gvern fis-6 ta' Settembru 1952 u illi s-Sinjuri Victor Scott, Carmel Calleja u Carmel Galea illi kollha kienu Customs Officers dawn ukoll jitqeghdu f'posthom fejn id-data illi huma gew appuntati ghal Grad III Administrative Officers. Il-Kummissjoni thoss li dina hija ingustizzja cara u ghandha tigi rrangata.

Rimedju

Il-Kummissjoni hi tal-fehma illi l-ilment tar-rikorrenti kollha huwa gustifikat ghat-termini tal-Att tal-1987. Ghalhekk ghandhom jittiehdu l-passi kollha necessarji biex il-lista ta' anzjanita' tigi rrangata kif deskritt fil-paragrafu 4.1. u din ghal effetti kollha illi tali postijiet fil-lista ta' anzjanita' ghandha jkollha fir-rigward ta' eventwali promozzjonijiet jew jekk gew affettwati promozzjonijiet li gja saru."

Xehed is-Sur Piccinino li qal li r-rikorrent kien wiehed mill-ufficjali tad-Dwana li kienu ressqu ilment quddiem il-Kummissjoni dwar is-seniority taghhom fil-grad ta' Administrative Officer wara li kienu gew assimilati f'dan il-grad b'sehh mill-1 ta' Frar 1974 permezz tal-ftehim tar-ri-organizzazzjoni tal-1974 stess. Il-Kummissjoni kienet

iddecidiet li l-ilment taghhom kien gustifikat u rrakkomandat li fis-seniority list dawn l-ufficjali jitpoggew qabel numru ta' ufficjali ohra li kienu hadu l-hatra ghall-grad ta' Administrative Officer wara l-1 ta' Frar 1974. Il-Kummissjoni ma kenitx iddecidiet li r-rikorrent kien gie maqbuz fl-ghoti tal-promozzjoni minn Administrative Officer ghal Assistant Head izda kienet qalet li s-seniority list kellha tigi rrangata ghall-effetti kollha li tali postijiet fl-istess lista ghandu jkollhom fir-rigward ta' eventwali promozzjonijiet jew jekk ma gew affettwati xi promozzjonijiet li gja saru. Din ir-rakkomandazzjoni ma kenitx gietx implimentata ghax kieku dan sar u l-applikanti inkluz ir-rikorrent kienu javvanzaw fis-seniority, fl-MPO kienu stabbilew li huma xorta wahda ma kienux ikunu fost dawk l-ufficjali li hadu l-hatra ta' Assistant Head fl-1987, ma kienux ikunu in the immediate field of selection fis-seniority taghhom. Ir-rikorrent sar Assistant Head meta suppost kellu jsir mal-grupp ta' wara jigifieri dak tal-1990 li kien jinkludi lill-ex-ufficjali tad-Dwana kif ukoll dawk l-ufficjali l-ohra li l-Kummissjoni kienet iddecidiet li kellhom jigu warajhom fis-seniority u ghalhekk id-decizjoni tal-Kummissjoni ma kenitx giet implimentata ghax ma kenitx tinvolvi la backdating ta' hatriet u anqas hlas ta' xi arretrati, izda kienet tista' tohloq tharbit u dizgwid fost l-Assistant Heads li kienu ghadhom fis-servizz.

Ir-rikorrent xorta wahda ma kienx isir fl-1987 by seniority anqas li kieku rrangawlu kif qalet il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji ghax ma kienx ikun in the immediate field of selection.

Xehed <u>il-Brigadier Claude Gaffiero</u> li semma li r-rikorrent kien jahdem tahtu u ftakar li darba minnhom ma kienx ha l-promozzjoni u infatti kien anke hareg ittra ta' rakkomandazzjoni peress li fil-fhema tieghu hu kien bnieden jahdem tajjeb hafna. Hu kien Kap Kmandant bhala Brigadier minn Dicembru tal-1993 ghal xi tliet snin.

Xehed <u>is-Sur James Catania</u> li kkonferma l-fatti kollha indikati fir-risposta a fol 16 tal-process.

**KONKLUZJONIJIET:**

Jibda biex jinghad illi proprjament id-decizjoni li kienet ittiehdet mill-Kummissjoni ta’ l-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji kienet tirrigwardja biss seniority list u l-irrangar taghha u ma kenitx tirrigwardja xi nuqqas ta’ promozzjoni tar-rikorrent. Irrizulta wkoll li tibdil fis-seniority list ma kien ikollu ebda effett materjali fir-rigward tar-rikorrent la fil-paga u l-anqas fil-pensjoni ghax jirrizulta li r-rikorrent irtira fil-5 ta’ Dicembru 1996. Wara li kienet ittiehdet id-decizjoni tal-Kummissjoni b’ittra datata 16 ta’ April 1993 il-Management and Personel Office fl-Ufficcju tal-Prim Ministru talab lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku sabiex taghti l-opinjoni taghha rigward ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji qabel dan ir-rapport jghaddi ghand il-Prim Ministru. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kien dehrilha li ma ghandiex tidhol fil-merti tal-kaz qabel ma jsirilha rakkomandazzjoni formali mill-ufficcju tal-Prim Ministru u l-Kummissjoni nformat lil MPO f’dan is-sens.

Irrizulta li r-rikorrent kien wiehed minn numru ta’ ex-ufficcjali tad-Dwana li kienu resqu l-ilment quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji dwar is-seniority taghhom fil-grad ta’ Administrativ Officer wara li huma gew assimilati f’dan il-grad b’sehh mill-1 ta’ Frar 1974 permezz tal-ftehim tar-ri-organizzazzjoni tal-1974. Il-Kummissjoni ma kenitx iddecidiet li r-rikorrent gie maqbuz fl-ghoti tal-promozzjoni minn Administrative Officer ghal Assistant Head izda kienet qalet illi s-seniority list kellha tigi rrangata ghall-effetti kollha li tali postijiet fl-istess lista ghandu jkollhom fir-rigward ta’ eventwali promozzjonijiet jew jekk gew affettwati xi promozzjonijiet li gja saru. Ghalhekk fil-fatt ir-rikorrent ma gie affettwat b’ebda mod b’nuqqas ta’ l-implimentazzjoni tad-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji. Ma rrizultax illi ghalhekk ir-rikorrent bata xi danni finanzjarji. Il-fatt tad-danni morali jistghu biss jaffettwaw se mai il-kap ta’ l-ispejjez.

Kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti f’ebda stadju tal-kawza ma gie ppruvat illi huwa ma ntaghzilx fil-promozzjonijiet jew hatriet sussegwenti kawza tan-nuqqas

ta’ l-implimentazzjoni tad-decizjoni tal-Kummissjoni ta’ l-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji. Kuntrarjament ghal dak li allega r-rikorrent illi huwa nqabez fl-1987 gie ppruvat mid-deposizzjoni tax-xhieda ta’ l-intimati illi dan ma kienx hekk.

Illi fic-cirkostanzi ghalhekk it-Tribunal jilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ l-intimati u jichad it-talba tar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez bla taxxa.